MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 30/1990/1

**Dr. Tonio Fenech bhala mandatarju ghan-nom u in rapprezantanza tas-socjeta` estera Sea Insurance Company Limited sew proprju kif ukoll kif surrogata fid-drittijiet ta' Ali Botan Abdi kif ukoll bhala mandatarju ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera The State Insurance Company of Somalia sew proprju kif ukoll kif surrogata wkoll fid-drittijiet ta' Ali Botan Abdi, kif ukoll bhala mandatarju ta' l-istess Ali Botan Abdi ghal kull interess li jista' jkollu**

**v.**

**L-Avukat Dottor Tonio Grech li accetta li jkun nominat kuratur tas-socjeta` Maltija Imperial Shipping Company Limited (kif ukoll il-Qorti kkonfermat l-istess nomina fis-6 ta' Frar 1990)**

**Il-Qorti:**

**I PRELIMINARI**

1. Dan hu appell minn sentenza moghtija fis-17 ta' Mejju 1990, mill-Qorti tal-Kummerc li biha, *inter alia*, dik il-Qorti laqghet l-ewwel eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni taghha minhabba li l-poloz tal-karigu, li fuqhom kienet imsejsa l-pretensjoni ta' l-attur nomine, kienu jirreferu ghall-*charterparty* li kien jinkludi klawsola arbitrali.

2. Din il-kawza tikkoncerna pretensjoni da parti ta' l-attur nomine ghall-hlas ta' danni sofferti in konnessjoni ma' trasport li sar fis-sena 1988, ta' merkanzija konsistenti f'mija u sebgha u sebghin elf u erbgha mija u sebghin xkora, kull wahda ta' hamsin kilo, ta' Thai parboiled rice. Din il-merkanzija tghabbiet fil-port ta' Bangkok fit-Tajlandja f'Gunju ta' dik is-sena fuq il-vapur North Eastern Breeze li hu proprjeta` tas-socjeta` konvenuta, liema socjeta` hija debitament registrata f'Malta, skond il-ligijiet taghna. Il-poloz tal-karigu esebiti ma' l-att tac-citazzjoni juru li din il-merkanzija kellha titwassal sal-port ta' Berbera fis-Somalia. Juru wkoll illi x-*shipper* kien G. Premjee Trading Pte Limited. Il-merkanzija kellha tigi kkonsejata "To the Order of Commercial and Savings Bank of Somalia" u kellu jigi notifikat ukoll Ali Botan Abdi, wiehed mill-atturi f'din il-kawza. Dan Ali Botan Abdi jirrizulta li kien l-eventwali ricevitur u giratarju tal-poloz tal-karigu in kwistjoni.

3. Is-socjeta` konvenuta, apparti li kkontestat il-meritu tal-kawza, opponiet zewg eccezzjoni ta' natura preliminari (ara fol. 19) u cioe`:-

1. in-nuqqas ta' gurisidizzjoni tal-Qorti billi l-partijiet ftehmu fuq arbitragg f'Londra skond il-polza tal-karigu li tirreferixxi ghac-*charterparty* Dokument D; u

2. in-nuqqas ta’ gurisdizzjoni peress li s-socjeta` konvenuta, ghalkemm registrata f’Malta, hija amministrata u kkontrollata fil-Grecja u l-fatti kollha tal-kaz in kwistjoni saru barra minn Malta.

4. Dawn iz-zewg eccezzonijiet preliminari gew decizi mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc bl-imsemmija sentenza tas-17 ta’ Mejju, 1990. Dik il-Qorti, filwaqt li cahdet it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, laqghet l-ewwel wahda u ghalhekk iddikjarat li ma kellhiex gurisdizzjoni li tisma’ l-kontroversja, in kwantu din kellha tigi riferita ghal arbitragg f’Londra skond ma ftehmu l-partijiet. L-ewwel Onorabbli Qorti waslet ghad-decizjoni taghha dwar l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, wara li kkonsidrat hekk:

**“L-eccezzjoni a bazi tal-klawsoli li jirreferu ghall-arbitragg kemm fil-polza ta’ karigu u kemm fic-Charterparty, din il-Qorti kif presjeduta diga` kellha l-opportunita` li tezamina din il-kwistjoni – fil-procedura li segwiet il-mandat ta’ Inibizzjoni numru 736/88 fl-ismijiet *Dr Tonio Fenech nomine v. Madeleine Firman nomine* tal-1 ta’ Awissu 1988 u segwiet l-istess orjentament, bl-aggiunti ghall-konsiderazzjonijiet taghha, fis-sentenza ta’ din il-Qorti, fl-ismijiet *Anthony Grixti v. Wilfred Mamo nomine* tat-18 ta’ Novembru 1988 – dejjem fis-sens, illi ftehim kontrattwali favur procedura arbitrali flok giudizzjarja, ghandu jipprevali – kemm jekk dak il-ftehim <u>jipprecedi</u> il-procedura giudizzjarja kemm jekk jintlahaq <u>wara</u> li dik il-procedura tkun bdiet.**

**Din il-vertenza naturalment, tat l-opportunita` lill-Qorti biex, a bazi tan-noti ta’ osservazzjonijiet studjati, tal-partijiet, terga’ tirrevedi l-posizzjoni u din id-darba, tat attenzjoni aktar ghal dik li hija l-prattika adottata mill-Qrati ta’ l-Ingilterra peress illi fid-Digriet imsemmi tal-1 ta’ Awissu 1988 – fil-procedura *Dr Tonio Fenech nomine v. Madleine Firman nomine*, din il-Qorti diga` kkommentat fuq il-posizzjoni fil-giurisprudenza Taljana u fl-osservazzjonijiet f’din il-kawza ma zdied xejn li ma kienx diga` gie kunsiderat.**

**Il-posizzjoni fid-dritt Ingliz ghadha dubjuza hafna:-**

**"An accurate statement of the law might read as follows. For a charterparty arbitration clause to be incorporated with a bill of lading, we would need either an incorporative clause in the bill specifically incorporating the charterparty arbitration clause; or an incorporative clause in the bill, drawn in considerably wider terms, and a clear indication in the charterparty arbitration clause that it is intended to apply both to disputes arising under the charterparty and to those arising under the bill of lading. Problems are clearly more likely to arise in the second alternative rather than in the first. What is meant by an incorporation clause 'drawn in considerably wider terms'? Or, more particularly, would a clause seeking to incorporate "all conditions as per charterparty" describe an arbitration clause so as to get it through the first hurdle of incorporation? It now appears clear that it would not. (Vide the Varenna and The Emmanuel Colocotronis No 2. 1982). So far as concerns the second hurdle of incorporation, consistency, it <u>probably</u> follows from judicial attitudes in The Miramar (1984), that a charterparty arbitration clause referring charterparty disputes to arbitration cannot be manipulated in such a way as to include bill of lading disputes within its remit. It is not, however, altogether clear whether the same may be said of an arbitration clause in the charterparty which talks about disputes arising under "the contract"."**

**Din il-kwotazzjoni twila hija mehuda minn CHORLEY and GILES Shipping Law – Eight Edition 1987 p. 267 (li fost l-edituri ta' din l-edizzjoni hemm il-validu studjuz avukat Dr Charles Debattista) – turi kemm l-posizzjoni korrenti fid-dritt Ingliz, ghadha incerta u fluwida.**

**U wiehed kien qed jistenna l-kuntrarju mhabba l-frekwenza ta' kazijiet bhal dawn li jirrikorru quddiem**

**il-Qrati ta' Metropoli bhal ma hija Londra. Mhux biss, imma dak li jolqot il-Qorti l-aktar u li huwa rilevanti ghal din is-sentenza hija l-konsiderazzjoni illi jidher bic-car li fid-dritt Ingliz ma hemmx dak it-trattament privileggat ta' l-istatut ta' l-arbitragg fil-konfront ta' procediment giudizzjarju li jezisti fid-dritt Malti – kif jirrikaccja minn ezami ta' l-Artikoli 968 u 970 tal-Kodici ta' Procedura Civili – u specjalment bir-rifless li dan l-ahhar Artikolu 970 gie emendat fl-istess direzzjoni ta' preferenza, ftit snin ilu, fl-1983.**

**Ghalhekk il-Qorti – wara li regghet irriflettiet mill-gdid fuq din il-kwistjoni, ma sabitx elementi godda fil-prezenti kawza, biex tibdel il-fehma taghha – gia` espressa fl-ordinanzi, gia` kwotati. Anzi ghall-kuntrarju jidhrilha li ghandha ssahhaha mhabba r-riflessjonijiet rigward it-trattament preferenzjali ta' l-istitut ta' l-arbitragg li jidher li huwa partikolari ghall-istruttura ta' l-ordinament taghna."**

## II L-APPELL

5. L-attur nomine hassu aggravat minn dik il-parti tas-sentenza msemmija li biha giet milqugha l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta u ghalhekk intavola appell minnha quddiem din il-Qorti fil-11 ta' Gunju, 1990. Ghar-ragunijiet dettaljatament spjegati fir-rikors ta' l-appell tieghu, l-attur qieghed jitlob lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut nomine, jigifieri fejn iddikjarat li l-Qorti ma kellhiex gurisdizzjoni stante li l-partijiet ftehmu fuq arbitragg Londra skond il-poloz tal-karigu li jirreferi ghac-*charterparty*, b'dan li tiddikjara li l-ewwel Qorti ghandha tali gurisdizzjoni, u tikkonfermaha kwantu cahdet it-tieni eccezzjoni u ghalhekk terga' tibghat l-atti quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti sabiex il-kawza tkompli tinstema' u tigi deciza fuq il-meritu – bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat.

6. Il-konvenut wiegeb b'mod dettaljat ghall-aggravji kollha mressqa mill-attur fir-rikors ta' l-appell tieghu, b'risposta pprezentata fit-28 ta' Gunju, 1990. Huwa qieghed isostni

li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk qieghed jitlob li din il-Qorti joghgobha tikkonfermaha in toto – bl-ispejjez taz-zewg istanzi, b'eccezzjoni ta' l-ispejjez tat-tieni eccezzjoni, kontra l-attur appellant.

**III KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

7. Il-partijiet f'din il-kawza jidher li jaqblu li r-relazzjonijiet guridici bejniethom huma bazati fuq it-tlett poloz tal-karigu esebiti mill-attur mac-citazzjoni u li jinsabu a fol. 6, 7 u 8 rispettivament tal-process. Il-partijiet jaqblu wkoll li l-bastiment North Eastern Breeze, li garr il-merkanzija meritu tal-kawza, f'dik l-epoka kien soggett ghal *time charterparty* li kopja tieghu, esebita bhala Dokument D mis-socjeta` konvenuta, tinsab a fol. 22 sa 28 tal-process. Il-partijiet f'dan il-kuntratt ta' nollegg huma precizament is-socjeta` konvenuta Imperial Shipping Co. Ltd. proprjetarju ta' l-imsemmi bastiment u c-*charterer* hija s-socjeta` Geepee Tankers Inc., socjeta` registrata fil-belt ta' Panama. Dan it-*time charterparty* gie firmat f'Bangkok fil-25 ta' Mejju, 1988.

8. L-attur appellant qieghed jallega li kien hemm ukoll *voyage charterparty* li jgib l-istess data cioe` l-25 ta' Mejju 1988. Is-socjeta` konvenuta appellata kkontestat assidwament l-ezistenza tal-*voyage charterparty* imsemmi mill-attur apppellant. Kopja fotostatika ta' dan l-allegat *voyage charterparty* giet esebita, l-ewwel darba, fl-istadju ta' l-appell, ezattament fit-3 ta' Ottubru 1995, kif jirrizulta minn fol. 172 tal-process.

9. L-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta hija bbazata fuq il-klawzola 17 ta' l-imsemmi time *charterparty* tal-25 ta' Mejju, 1988. Din il-klawzola taqra hekk:
"That should any dispute arise between owners and the charterers, the matter in dispute shall be referred to three persons in London one to be appointed by each of the parties hereto, and the third by the two so chosen; their decision or that of any two of them shall be final and for the purpose of enforcing any award, this agreement may be made a rule of the Court. The arbitrators shall be commercial men, engaged in the shipping industry,

arbitration as per Arbitration Act of 1950 and 1979 English Law to apply."

10. Il-poloz tal-karigu li fuqhom hija bbazata din il-kawza ma fihom l-ebda klawsola arbitrali *ut sic*. Pero`, fuq in-naha ta' quddiem tal-poloz hemm mizjuda din il-klawsola:
"All terms, conditions and exceptions of the charterparty dated 25 May 1998, are herewith incorporated."

Imbaghad, fil-parti ta' wara ta' l-istess poloz, taht l-intestatura *conditions of carriage,* hemm din il-klawzola:
"All terms and conditions, liberties and exceptions of the charterparty, dated as overleaf are herewith incorporated."

11. Il-qofol tal-kwistjoni bejn il-kontendenti hija precizament din: Is-socjeta` konvenuta qeghda ssostni li bis-sahha tal-klawsoli li ssemmew f'dan il-paragrafu fil-poloz tal-karigu, il-klawsola arbitrali li tissemma' fil-paragrafu precedenti u li tinsab fic-*charterparty* in kwistjoni, giet inkorporata fl-istess poloz, bir-rizultat li dik il-klawsola arbitrali torbot <u>ukoll</u> lill-partijiet b'din il-kawza. Min-naha l-ohra, l-attur appellant qieghed isostni li l-klawsola arbitrali kontenuta fl-istess *charterparty* qatt ma tista' titqies li giet inkorporata fil-poloz tal-karigu in kwistjoni u ghalhekk ma hijiex applikabbli ghall-vertenza meritu tal-kawza odjerna. Kif diga` ntqal, l-ewwel Qorti akkoljiet it-tezi tas-socjeta` konvenuta, u dan ghar-ragunijiet kontenuti fil-parti tas-sentenza riprodotta fil-paragrafu 4 *supra*, u ghalhekk iddikjarat li ma kellhiex gurisdizzjoni li tisma' din il-kawza minhabba l-ezistenza tal-klawsola arbitrali in kwistjoni. L-attur nomine qieghed jappella minn din id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti u ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi biex tinvestiga l-aggravji li huwa ressaq ghall-konsiderazzjoni taghha. Madanakollu, qabel ma tghaddi biex taghmel dan, il-Qorti tixtieq turi l-apprezzament taghha ghall-istudju approfondit li ghamlu l-abili difensuri taz-zewg kontendenti fuq din il-kwistjoni marittima pjuttost komplikata, kif jidher car mid-diversi noti ta' osservazzjonijiet li huma ssottomettew matul il-kors ta' din il-kawza biex isostnu r-rispettivi tezi taghhom. Din il-Qorti ghamlet studju akkurat hafna ta' l-odjern process

volminuz, kif ukoll tad-dottrina u l-gurisprudenza estensiva, kemm estera u kemm dik lokali, li gew indikati lilha mill-kontendenti. Hadet konjizzjoni ukoll tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta u komposta fit-23 ta' Gunju 1992, fil-kawza fl-ismijiet ***Dr. Tonio Fenech nomine v. Madeleine Firman nomine*** (Citaz. Nru. 399/88) u b'hekk waslet ghall-konkluzjonijiet taghha dwar il-vertenza odjerna. Sfortunatament il-limitazzjonijiet kbar ta' hin u l-pressjoni qawwija ta' hafna kawzi ohra jostakolaw lil din il-Qorti li tizvolgi l-hsieb taghha fl-odjerna sentenza bil-mod estensiv li kieku xtaqet li tirrikorri ghalih. Wiehed jinnota li dan l-appell ilu hafna zmien jistenna decizjoni u f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti jidhrilha li ghandha timmotiva d-decizjoni taghha b'mod adegwat izda minghajr ma tintilef fuq hafna rqaqat zejda.

12. Wiehed mill-aggravji mressqa mill-appellant jikkoncerna l-allegazzjoni tieghu li fil-kaz odjern ma kienx hemm *charterparty* wiehed izda tnejn li gew firmati fl-istess data bejn l-armatur tal-vapur u c-*charterer*. Jghid li fil-fatt barra t-*time charter* (New York Produce Form) gie firmat ukoll *voyage charter* li jaqa' taht il-GENCON Form. L-appellant jghid li filwaqt li t-*time charter* fih klawsola arbitrali, il-*voyage charterparty* ma fihx tali klawzola. L-appellant jghid, ghalhekk, tinqala' l-problema ghal-liema *charterparty* qed issir referenza fil-poloz tal-karigu in kwistjoni. L-attur jispjega li l-*voyage charterparty* huwa dak li huwa relevanti ghall-kaz, ghax kien permezz tieghu li l-appellant nomine, bhala ricevitur tal-merkanzija soggetta ghal dak il-vjagg, ottjena l-poloz tal-karigu in kwistjoni. L-appellant esprima l-fehma li l-poloz in kwistjoni setghu rreferew biss ghall-*voyage charterparty* u mhux ghat-*time charterparty*. Ghalhekk l-appellant qieghed isostni li l-ewwel Qorti zbaljat meta assumiet, bla ebda raguni moghtija, illi r-referenza fil-poloz kienet ghat-*time charterparty* li fiha l-klawzola arbitrali.

13. Fil-fehma tal-Qorti, l-appellant qieghed ikun ingust ma' l-ewwel Onorabbli Qorti meta jaghmel kritika bhal din. Dana ghaliex ghalkemm dan il-*voyage charterparty* <u>issemma'</u> quddiem l-ewwel Qorti, precizament bin-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-atturipprezentata fit-2 ta' April 1990,

a fol. 30 *et sequitur* tal-process, madanakollu l-ezistenza ta' dan il-*voyage charterparty* giet kontestata mill-konvenut, kif jirrizulta min-nota tieghu pprezentata fl-24 ta' April 1990, u d-dokumenti annessi maghha u specifikatament it-*telex* esebit a fol. 77 tal-process. Jirrizulta li l-attur qatt ma pprezenta l-allegat *voyage charterparty* meta l-kawza kienet qed tinstema' quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti. Fil-fatt id-dokument in kwistjoni gie esebit l-ewwel darba fl-istadju ta' l-appell b'nota tat-3 ta' Ottubru 1995, permezz ta' fotokopja markata Dokument AF li tinsab a fol. 172 tal-process. Il-partijiet f'dan il-*voyage charterparty* huma indikati bhala "Messrs. Geepee Tankers Inc., Disponent Owners of MV North Eastern Breeze and Messrs. G. Premjee Trading Pte. Ltd. of Singapore as Shippers". Din l-ahhar imsemmija socjeta` tidher bhala *shipper* fuq il-polza tal-karigu meritu tal-kawza. Wiehed jinnota li l-firmatarju ta' dan il-voyage chaterparty ma kienux l-istess firmatarji tat-*time charterparty* u ghalhekk l-attur ma kienx korrett, jew ferm ambigwu, meta indika li dan il-*voyage charterparty* kien firmat bejn is-socjeta` konvenuta u c-*charterer*. Ladarba id-dokument qatt ma kien fil-process sa meta l-ewwel Onorabbli Qorti tat is-sentenza taghha, evidentement dik il-Qorti ma setghetx tieghu ebda konjizzjoni tieghu. L-attur jispjega li dan id-dokument in kwistjoni gie esebit biss fit-3 ta' Ottubru 1995, minhabba "ommissjoni innocenti" (ara fol. 184). Huwa fatt li s-socjeta` konvenuta kompliet dejjem tikkontesta assidwament l-ezistenza ta' dan l-allegat *voyage charterparty*. Jirrizulta illi fis-seduta ta' din il-Qorti mizmuma fl-14 ta' Dicembru 1995, (ara fol. 192) gie registrat dan il-verbal:

"L-avukati tal-kontendenti jiddikjaraw li huma jaqblu li d-dokumenti kollha esebiti man-noti rispettivi taghhom jigu accettati bhala prova bir-rizervi li saru dwarhom fis-sottomissjoni taghhom."

Huwa evidenti ghalhekk li l-kontenut ta' l-allegat *voyage charterparty* ma giex accettat bhala prova mis-socjeta` konvenuta appellata u ghalhekk ukoll kien jispetta lill-attur appellant li jaghmel id-debita` prova sodisfacenti ta' l-istess allegat *voyage charterparty*, jekk ried li din il-Qorti

taghti valur shih ghas-sottomissjonijiet li kien qieghed jaghmel dwaru. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma thossx li hija sodisfatta li saret prova sodisfacenti dwar l-allegat *voyage charterparty* u ghalhekk l-aggravju ta' l-appell li hu marbut ma' dan il-kuntratt specifiku ta' nollegg ma jistax jintlaqa'.

14. Illi ghalhekk fil-kaz odjern il-Qorti qeghda tqis li l-poloz tal-karigu annessi mac-citazzjoni, u li kollha jikkontjenu klawsola ta' inkorporazzjoni (*incorporation clause*) qeghdin jirreferu precizament ghat-*time charterparty* datat 25 ta' Mejju 1988, esebit bhala Dokument D a fol. 22 *et sequitur* tal-process. Dak li jrid jigi deciz huwa precizament jekk din il-klawsola ta' inkorporazzjoni, li evidentement hija tat-tip generiku billi tintendi tabbraccja l-kondizzjonijiet kollha li jissemmew fic-*charterparty* in kwistjoni, tiswiex ukoll biex tinkludi l-klawzola arbitrali kontenuta fl-istess *charterparty*. Dana sintendi fl-isfond li l-atturi odjerni (li huma r-recivitur stess tal-merkanzija in kwistjoni, kif ukoll z-zewg socjetajiet l-ohra indikati fl-okkju li gew surrogati fid-drittijiet ta' l-istess ricevitur) la qatt kienu parti fl-imsemmi *charterparty* u lanqas kellhom x'jaqsmu mal-hrug tal-poloz tal-karigu in kwistjoni, billi r-recivitur tal-merkanzija kien biss giratarju ta' l-istess poloz.

15. L-appellant huwa korrett meta jghid li l-meritu proprju tas-sentenza odjerna huwa li jigi stabbilit jekk il-klawsola arbitrali kontenuta fic-*charterparty* in kwistjoni hijiex vinkolanti bejn il-partijiet fl-odjerna kawza. Huwa korrett ukoll l-appellant meta jghid illi l-odjerna sentenza aktar tikkoncerna l-kwistjoni jekk il-klawsola arbitrali kontenuta fic-*charterparty* gietx inkorporata fil-poloz tal-karigu in kwistjoni milli fuq l-effetti ta' klawsola arbitrali meta din tkun pattwita bejn il-partijiet. Huwa risaput li l-Qrati taghna dejjem taw il-piz misthoqq lill-klawsoli arbitrali u dan in omagg ghall-volonta` libera tal-partijiet. Madanakollu, huwa risaput ukoll li l-klawsola arbitrali titqies vinkolati fil-parametri stretti li fihom tkun giet stipulata, u wiehed irid joqghod attent li ma jestendix l-applikabilita` ta' tali klawsola arbitrali semplicement fuq il-pretest li l-ligi taghna taghti trattament preferenzjali lill-istitut ta' l-arbitragg.

16. L-appellant jikritika s-sentenza appellata billi jghid li din zbaljat fl-interpretazzjoni li tat ghall-kwotazzjoni mehuda minn Chorley and Giles Shipping Law – 8th Edition, 1987, p. 267. Din il-Qorti taqbel ma' l-appellant li din il-kwotazzjoni mhijiex kontra t-tezi ta' l-istess appellant izda pjuttost issahhah t-tezi tieghu. Din il-Qorti sejra ticcita silta mit-test ta' Scrutton on Charter Parties and Bills of Lading, 19th Edition (London Sweet and Maxwell, 1984) p. 68:

**"An arbitration clause in a charterparty will be incorporated into a bill of lading if either–**

**(a) there are specific words of incorporation in the bill, and the arbitration clause is so worded as to make sense in the context of the bill, and the clause does not conflict with the express terms of the bill;** ***or***

**(b) there are general words of incorporation in the bill, and the arbitration clause or some other provision in the charter makes it clear that the clause is to govern disputes under the bill as well as under the charter.**

**In all other cases, the arbitration clause is not incorporated into the bill."**

17. Ma hemmx dubju li din il-kwotazzjoni tindika korrettement il-posizzjoni legali fuq il-kwistjoni li qed tigi investigata mill-ottika Ingliza. Li kieku wiehed kellu japplika l-kriterji kontenuti f'din il-kwotazzjoni ghall-kaz odjern wiehed ikollu bilfors jasal ghall-konkluzjoni li l-klawsola arbitrali kontenuta fic-*charterparty* tal-25 ta' Mejju 1988, ma setghetx tigi inkorporata fil-poloz tal-karigu in kwistjoni. Dan ghaliex ma hemm l-ebda "specific words of incorporation in the bill", u ghalkemm hemm "general words of incorporation in the bill", pero` l-klawsola arbitrali fic-*charterparty* ma tindikax li dik il-klawzola ghandha tirregola wkoll vertenzi li jikkoncernaw il-poloz tal-karigu. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-posizzjoni kurrenti fid-dritt Ingliz mhijiex incerta u fluwida kif jinghad fis-sentenza appellata.

L-appellant iccita diversi sentenza Taljani u Inglizi biex juri li l-posizzjoni legali u r-rizultanti uzanza kummercjali hija li meta fil-polza jkun hemm *incorporation clause* generali bhal ma hemm fil-kaz odjern, il-klawzola arbitrali ma tapplikax awtomatikament. Din il-Qorti ma thossx in-necessita` li telenka hawn dawn is-sentenzi ghaliex dawn is-sentenzi, fosthom "The Enfield, The Varenna, The Federal Bulker", huma maghrufin bizzejjed ghal min hu midhla sew ta' dan is-suggett. Irid jigi enfasizzat ukoll li l-lista imponenti ta' awtorita` gudizzjarja ccitata mill-appellant tindika mhux biss il-posizzjoni legali imma wkoll il-prattika u l-uzanza kummercjali f'centru li hu maghruf ghas-sistema arbitrali sofistikata li ghandu. Minghajr ma tippretendi li ghandha xi attributi profetici, din il-Qorti, jekk tibbaza ruhha fuq bilanc ta' probabiltajiet, jidhrilha li fl-ipotezi li din il-kwistjoni titressaq ghall-arbitragg f'Londra *ai termini* tal-klawsola arbitrali in kwistjoni, li specifikament issemmi li ghandha tigi applikata l-ligi Ingliza, l-ezitu x'aktarx li jkun li tali arbitragg ma jkunx jista' jsir, ghaliex taht il-ligi Ingliza l-probabilita` kbira hija li l-klawsola arbitrali ma titqiesx li giet inkorporata fil-poloz tal-karigu in kwistjoni.

18. L-appellat issottometta assidwament li l-interpretazzjoni li taw il-Qrati Inglizi u Taljani ghall-kwistjoni li qed tigi ezaminata ma tapplikax ghall-Qrati taghna meta dawn ikunu qed jaghtu interpretazzjoni lill-kuntratti. L-appellat jistrieh hafna fuq il-kontenut tad-digriet moghti mill-Qorti tal-Kummerc fl-1 ta' Awissu 1988, fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni nru. 736/88 fl-ismijiet ***Dr. Tonio Fenech nomine v. Madeleine Firman nomine***. L-appellat jistrieh hafna wkoll fuq is-sentenza ta' din il-Qorti, diversament presjeduta u komposta, moghtija fit-23 ta' Gunju 1992, fl-atti tac-citazzjoni 399/88 fl-*ismijiet* ***Dr. Tonio Fenech nomine v. Madeleine Firman nomine***. Din il-Qorti ezaminat sewwa l-argumentazzjoni kontenuti f'dawn id-decizjonijiet Maltin u waslet ghall-konkluzjoni li ma tistax tavallahom. Jidher car li hafna mill-klawsoli tat-*time charter* in kwistjoni evidentement ma jistghux jigu inkorporati fil-poloz tal-karigu ghaliex assolutament ma hemm l-ebda lok ghalihom fl-istess poloz. Harsa lejn il-klawsola arbitrali stess kontenuta fic-*charterparty* tindika li

kif din il-klalwsola giet redatta, tikkrea diffikulta` kbira ta' rikonciljazzjoni, ghaliex fiha ma saret assolutament l-ebda referenza ghal disputi li jinqalghu taht poloz tal-karigu. Din il-klawzola tapplika, *ipsissima verbis*, ghal dawk il-kwistjonijiet li jistghu jinqalghu bejn l-*owners* (cioe` s-socjeta` konvenuta) u c-*charterers* (Geepee Tankers Inc.). Biex tigi sostnuta t-tezi tas-socjeta` konvenuta appellata u allura ssir applikabbli din il-klawzola arbitrali anke fil-konfront ta' l-atturi odjerni, huwa necessarju li l-kliem cari wzati fil-klawsola arbitrali in kwistjoni jkunu "manipulati" biex il-kelma "charterers" tigi interpretata li tinkludi lir-ricevitur u l-giratarju tal-poloz tal-karigu in kwistjoni u cioe` lil Ali Botan Abdi – persuna kompletament estrenea ghall-imsemmi *charterparty*. Il-Qorti, kif issa komposta, ma tahsibx li dan jista' gustament isir fl-isfond tal-fatti tal-kaz odjern u dan b'rikors ghall-semplici ezercizzju ta' interpretazzjoni rikonciljattiva u hekk imsejha "intelligenti". Anzi din il-Qorti thoss li ghandha tmur oltre u tghid li mhijiex lesta li taghmel ezercizzju ta' interpretazzjoni daqstant manipulattiv ghaliex thoss li dan ikun ezercizzju intrinsikament ingust. Din il-Qorti hija konfortata mill-fatt li l-interpretazzjoni li issa qeghda taghti, taqbel sewwa ma' dak li jinsab fil-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn fl-Artikolu 2(c) jinghad li ftehim ta' arbitragg:
"is also concluded by the issuing of a bill of lading, if the latter contains an express reference to arbitration clause in a charterparty."

F'dan il-kuntest ta' min jiccita hawnhekk silta mill-"Maltese Arbitration Law – A Handbook" li huwa mahrug mic-Centru Malti ta' l-Arbitragg, fejn f'pagna VII jinghad hekk:
"The Court of Appeal upheld the view that Maltese Law on arbitration is civilian and so the continental approach to incorporation of contractual clauses by reference applied. The English Law distinction between arbitration clauses, which needed an express reference, and other clauses which were incorporated by general reference, did not apply. The case was ***Fenech versus Firman*** (the "Ugarit") which related to a bill of lading incorporating terms and conditions of a charterparty. The arbitration clause in the charterparty was carried into the bill of lading by reference and the Court declined to exercise

jurisdiction on the merits. Interestingly the Act now reverses this judgement by specific provision which follows English law and modern continental laws as well as the UNCITRAL Model Law which was incorporated into our law by the Act."

Konsegwentement l-appell interpost mill-attur huwa ben fondat u hemm lok li jintlaqa' billi l-ewwel eccezzjoni tigi michuda.

19. Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell u ghalhekk tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu din laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut nomine li issa qeghda tigi michuda u billi tikkonferma s-sentenza appellata inkwantu din cahdet it-tieni eccezzjoni, u ghalhekk terga' tibghat l-atti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Prim Istanza sabiex il-kawza tkompli tinstema' skond il-ligi.

L-ispejjez konnessi mat-tieni eccezzjoni jibqghu kif decizi fis-sentenza appellata, filwaqt li l-ispejjez konnessi ma' l-ewwel eccezzjoni, kemm dawk tal-prim istanza u kemm ukoll ta' din l-istanza, ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti in vista li temperament fil-kap ta' l-ispejjez huwa gust li jsir fid-dawl tal-komplessita` legali u f'certu sens ukoll novita` involuta f'din id-decizjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------